

Brussell, 19 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12644/25

RECH 378
ATO 71

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11169/25 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) mal-Ftehim Qafas il-ġdid għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV - Adozzjoni

1. Fit-2 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill¹ dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) mal-Ftehim Qafas il-ġdid għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV.
2. Wara l-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (Kwistjonijiet Atomiċi), li tlesta fit-2 ta' Settembru 2025, ġie kkonfermat li t-test għad-Deċiżjoni tal-Kunsill kien appoġġat minn maġġoranza kwalifikata ta' delegazzjonijiet. Id-delegazzjonijiet mill-Awstrija u l-Lussemburgu indikaw l-oppożizzjoni tagħhom għal din id-Deċiżjoni.

¹ 11169/25.

3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill:

- jadotta bħala punt "A", b'maġġoranza kwalifikata, bid-delegazzjonijiet mill-Awstrija u l-Lussemburgu jivvotaw kontra, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) mal-Ftehim Qafas il-ġdid għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' Sistemi tal-Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12643/25.
- jitlob il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
